

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 24.7.2009
KUMM(2009) 400 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**L-integrazzjoni taż-żvilupp sostenibbli fil-politiki tal-UE
Analiżi tal-2009 tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għal Żvilupp Sostenibbli**

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**L-integrazzjoni taż-żvilupp sostenibbli fil-politiki tal-UE
Analiżi tal-2009 tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għal Żvilupp Sostenibbli**

1. DAĦLA

L-iżvilupp sostenibbli huwa mniżżel bħala għan globali tal-UE fuq medda t-twila ta' żmien fit-Trattat. L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għal Żvilupp Sostenibbli (I-SŻS tal-UE), kif riveduta fl-2006 hija qafas għal viżjoni fit-tul ta' sostenibbiltà fejn it-ktabbir ekonomiku, il-koeżjoni soċjali u l-protezzjoni ambjentali jimxu id f'id u jappoġġaw lil xulxin b'mod reċiproku.

F'dawn l-aħħar snin, l-Unjoni Ewropea integrat l-oġettiv ta' żvilupp sostenibbli (ŻS) f'firxa wiesgħa ta' politiki. Partikolarment, hija ħadet ir-riedni f'idejha internazzjonalment fil-ġlieda kontra l-bidla klimatika u hija impenjata biex tipromwovi ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, msejsa fuq l-għarfien u l-użu effiċjenti tar-riżorsi. Fl-istess waqt xejriet li mhumiex sostenibbli jippersistu f'diversi oqsma, minkejja varjetà sħiħa ta' żviluppi pożittivi fil-politiki. It-talba għar-riżorsi naturali qed tikber malajr u teċċedi dak li d-Dinja tiflaħ għalih fuq tul ta' żmien. Il-bijodiversità qiegħda tonqos kullimkien u ekosistemi maġġuri qed jitpoġġew taħt pressjoni dejjem tiżdied. Il-konsum tal-enerġija fit-trasport qed ikompli jiżdied. Il-faqar globali qed jippersisti; jinħtieġ sforzi maġġuri biex jintlaħqu l-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju.

Il-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali uriet li s-sostenibbiltà hija wkoll fattur ewlieni għas-sistema finanzjarja tagħna u l-ekonomija b'mod ġenerali. Il-kriżi qed taffetwa s-setturi kollha tal-ekonomija, familji, negozji u impjieg. L-aħħar dejta turi li s-swieq tax-xogħol tal-UE qed ikomplu jiddeterjoraw b'reazzjoni għall-kriżi ekonomika. Il-qgħad qed jikber, in-numru ta' postijiet tax-xogħol battala għadu nieżel u l-kumpaniji qed ikomplu jħabbru tnaqqis ta' impjieg sostanzjali f'bosta setturi. L-iktar vulnerabbli fost il-ħaddiema huma l-aġħar milquta.

B'reazzjoni għall-kriżi ekonomika u finanzjarja, l-UE u l-Istati Membri tagħha ħadu miżuri biex jirrifirmaw is-sistema finanzjarja, jappoġġaw l-ekonomija reali, jipromwovu l-impjieg u jikkontribwixxu għall-irkupru globali. F'Novembru 2008, il-Kummissjoni nediet Pjan maġġuri ta' Rkupru għat-ktabbir u l-impjieg¹. Il-Pjan ta' Rkupru jinkludi miżuri biex isaħħu d-domanda, jgħinu biex terġa' tiddaħħal il-fiduċja u jipromwovu l-impjieg u l-inklużjoni soċjali. Tinkludi wkoll proposti għall-investiment għaqli fil-ħiliet ta' għada u t-teknoloġiji li jwasslu għal ktabbir ekonomiku oġħla u prosperità sostenibbli fuq medda ta' żmien.

Huwa kruċjali li miżuri li jappoġġaw l-ekonomija reali u li jnaqqsu l-impatt soċjali tal-kriżi attwali jkunu kompatibbli mal-miri ta' sostenibbiltà għal tul ta' żmien. L-UE għandha tbiddel

¹ Pjan ta' Rkupru COM(2008) 800, 26.11.2008 u COM(2009) 114, 4.3.2009, Komunikazzjoni dwar l-Impjieg COM (2009)257, 3.6.2009 u l-Komunikazzjoni "Politika ta' Koeżjoni: ninvestu fl-ekonomija reali", (COM(2008) 876, 16.12.2008

il-kriżi f'opportunità biex tiġi indirizzata s-sostenibbiltà finanzjarja u ekoloġika u tiġi żviluppata soċjetà dinamika, b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, msejsa fuq l-għarfien, u l-inklużjoni soċjali, u li tipromwovi dan l-aproċċ globalment. Il-Pjan ta' Rkupru u l-pjanijiet nazzjonali korrispondenti diġà fihom numru ta' inizjattivi b'apoġġ għal dan l-oġettiv. Xogħol biex tingħeleb il-kriżi għadu għaddej, partikolarment fil-kuntest tal-Istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjiegi, b'enfażi fuq tkabbir ekonomiku li jirrispetta l-ambjent. Fuq medda ta' żmien qasir, miżuri ekoloġiċi jgħinu biex jerġgħu jqajmu l-ekonomija u joħolqi l-impjiegi. Fuq meded twal jew medji, jistimulaw ukoll tekonoġiji ġodda u jnaqqsu l-impatt tagħna fuq il-bidla klimatika, it-tnaqqis tar-riżorsi naturali u d-degradazzjoni tal-ekosistemi.

Il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2007 staqsa lill-Kummissjoni biex tipprovdi t-tieni rapport ta' progress² dwar l-SŻS tal-UE sa Ġunju 2009. Din l-analiżi qed issir b'risposta għat-talba tal-Kunsill Ewropew.

Bħala kumpliment għal din l-analiżi, iktar tard fl-2009, l-Eurostat ser jippubblika rapport ta' monitoraġġ dwar l-istrateġija għal żvilupp sostenibbli tal-UE, li ser ikejjel il-progress fl-isfond ta' indikaturi kwantitattivi.

2. IR-RWOL LI QED JEVOLVI TAL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI FIT-TFASSIL TAL-POLITIKA TAL-UE

Fi snin riċenti, l-UE wriet l-impenn ċar tagħha lejn l-iżvilupp sostenibbli u b'suċċess integrat din id-dimensjoni ta' sostenibbiltà f'ħafna oqsma ta' politika. Il-politiki tal-UE dwar il-bidla klimatika u l-enerġija huma evidenza tal-impatt li l-istrateġija għal żvilupp sostenibbli kellha fuq l-aġenda politika. L-UE bdiet tintegra d-dimensjoni tas-sostenibbiltà f'ħafna oqsma politiki oħrajn ukoll.

L-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar tal-Unjoni Ewropea kkontribwiet biex tintegra l-oġettivi tal-politika u ttejjeb il-kost-effettività tad-deċiżjonijiet politiki. Dan inkiseb permezz tas-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv. Ir-rwol tal-valutazzjoni tal-impatt għandu jiġi wkoll enfasizzat partikolarment: Is-sistema tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli billi tevalwa l-impatti potenzjali ta' leġiżlazzjoni ġdida jew proposti politiki fl-oqsma ekonomiċi, soċjali u ambjentali permezz ta' aproċċ integrat.

L-Aġenda Soċjali mġedda tal-Kummissjoni ppreżentat aproċċ integrat u olistiku u bosta inizjattivi ta' politika, li jiġbru oqsma differenti ta' politika³. L-Aġenda Soċjali mġedda enfasizzat l-importanza li l-Kummissjoni tagħti lill-iżvilupp sostenibbli tas-soċjetajiet tagħna u ħabbret l-iżvilupp ta' għanijiet dwar il-benesseri "lil hinn mill-PGD".

Il-linji gwida għall-Impjiegi huma parti mill-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi u jipprovdu qafas għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri li huma f'konformità ma' miri ta' strateġija sostenibbli. Pereżempju, l-UE tuża l-Fondi Strutturali biex tappoġġa l-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex irawmu ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u bl-użu effiċjenti ta' riżorsi. Iktar żvilupp tal-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju ser tkun ukoll forza ewlenija li se tpoġġi lill-UE fuq it-triq tal-irkupru.

² L-ewwel rapport dwar il-progress ġie adottat f'Ottubru tal-2007 COM(2007) 642 u SEC(2007) 1416.

³ COM (2008) 412, 2.7.2008.

Ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva (RSK) hija opportunità għall-impriżi biex jgħaqqdu l-għanijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Impenn ikbar lejn ir-RSK minn naħa tal-impriżi Ewropej ser ittejjeb il-kapaċità Ewropea għal żvilupp sostenibbli. Il-Kummissjoni u ħafna Stati Membri tal-UE intensifikaw l-isforzi tagħhom biex jipromwovu l-adozzjoni tar-RSK, bl-enfasi fuq id-djalogo bejn il-partijiet interessati.

L-UE għamlet progress ukoll fl-integrazzjoni tal-aġenda tal-SŻS fil-politiki esterni tagħha, pereżempju permezz ta' Valutazzjonijiet tal-Impatt dwar is-Sostenibbiltà magħmula fil-kuntast tal-preparazzjoni ta' Ftehimiet dwar Kummerċ Fieles u Ħidma fuq il-bidla klimatika.

L-Istati Membri qed jiżviluppaw ukoll soluzzjonijiet innovattivi li huma relevanti għall-aġenda għal Żvilupp Sostenibbli. L-użu tal-ipprezzar tal-kost tal-emissjonijiet tal-karbonju biex jirrifletti l-kost soċjali tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra (GHG) fl-apprezzament ta' għażliet ta' politika pubblika qed isir iktar ma jmur komuni. Franza impenjat ruħha li bil-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni għall-perjodu 2007-13 tagħmel investiment fejn l-impatt tal-emissjonijiet tal-karbonju jkun newtru. L-allokkazzjoni ta' "baġits" tal-emissjonijiet tal-karbonju lid-dipartimenti (ir-Renju Unit) huwa eżempju ieħor. Sar progress fil-kalkoli dwar l-emissjonijiet tal-karbonju mill-impriżi privati. Barra minn hekk, ir-riżultati minn provi f'numru ta' Stati Membri juru li l-użu ta' miters elettroniċi avvanzati jista' jnaqqas il-konsum tal-enerġija b'massimu ta' 10%. Uħud mill-Istati Membri żviluppaw sistemi ġodda għall-verifika tal-enerġija, inkluż permezz ta' appoġġ finanzjarju, li għen b'mod sinifikanti biex inaqqas il-konsum tal-enerġija fis-settur tal-bini. Fi Franza, ukoll, "Grenelle de l'Environnement" laqqa' l-gvern, is-soċjeta tan-negozju u dik ċivili f'dibattitu fl-livell għoli dwar miżuri ġodda għal żvilupp sostenibbli.

3. IL-PROGRESS TAL-POLITIKA FL-ISTRATEĠIJA TAL-UE DWAR L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI

Din is-sezzjoni tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-progress li sar fil-livell tal-UE fuq is-seba' sfidi ewlenin u t-temi trasversali mill-aħħar rapport ta' Ottubru 2007. Ma tippruvax tkun lista komprensiva tal-azzjonijiet li ttieħdu iżda sempliċiment li tenfasizza l-inizjattivi prinċipali f'kull qasam. Ir-rapport dwar l-indikaturi tal-Eurostat, ibbażat fuq is-sett ta' Indikaturi ta' Żvilupp Sostenibbli (IŻD) tal-UE li għandu jkun ippubblikat iktar tard fir-rebbiegħa 2009, ser jitfa' iktar dawl fuq il-progress fattwali. Ċertu riżultati preliminari minn dan ir-rapport⁴ huma diġà inklużi f'din l-analiżi.

Tibdil klimatiku u enerġija nadifa

Għalkemm l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra tal-UE żdiedu matul il-perjodu 2000 sal-2004, ix-xejra matul l-aħħar tliet snin kienet favorevoli u l-UE qiegħda fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tagħha tal-Protokoll ta' Kyoto. Madanakollu, jekk politiki globali dwar ibidla klimatika ma jkunux applikati mill-aktar fis, l-emissjonijiet globali tal-gas b'effett serra ser ikunu minn tal-anqas 60% ogħla mill-1990⁵ fl-2020. Minkejja li s-sehem ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli mill-konsum tal-enerġija disponibbli internament ilha tikber tikber b'rata aktar mgħaġġla mill-2002, għadu 'l bogħod mill-mira ta' 12% tal-2010.

⁴ Id-dejta tal-Eurostat fuq l-IŻD tkopri, għall-biċċa l-kbira tagħha, is-snin 2000-2007.

⁵ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkompanja il-Komunikazzjoni "Lejn ftehim komprensiv dwar it-tibdil fil-klima f'Kopenhagen" SEC(2009)101.

Fi snin riċenti, l-UE kienet minn ta' quddiem fil-ġlieda kontra l-bidla klimatika. F'Diċembru 2008, il-leġiżlatur tal-UE qabel mal-Pakkett dwar il-Klima u l-Energija⁶ li jstipula miri ambizzjużi għall-UE. L-UE impenjat ruħha b'mod unilaterali li tnaqqas l-emissjonijiet globali tagħha b'20% taħt il-livelli tal-1990 sal-2020, u li ttejjeb dan l-isforz għal tnaqqis tal-emissjonijiet ta' 30% fil-każ li jintlaħaq ftehim internazzjonali komprensiv dwar il-klima f'Kopenhagen f'Diċembru 2009. Hija stabbiliet għaliha nnifisha l-mira li żżid is-sehem tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli għal 20% sal-2020. Bħala parti mill-pakkett, id-direttiva dwar is-Sistema tal-Iskambju tal-Emissjonijiet tal-UE (ETS)⁷ kienet emendata u d-direttivi dwar il-Ġabra u l-Ħażna tal-Karbonju (CCS)⁸ u fuq is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli⁹ kienu adottati. Il-Pakkett dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija jsaħħaħ il-leġiżlazzjoni prinċipali dwar l-effiċjenza tal-enerġija fil-bini¹⁰ u l-prodotti li jużaw l-enerġija¹¹. Se jkun hemm iffrankar ta' enerġija addizzjonali permezz ta' estensjoni tad-Direttiva tal-Eko-disinn¹² għall-prodotti relatati mal-enerġija, skont il-pjan ta' Azzjoni għall-konsum u produzzjoni sostenibbli/ produzzjoni industrijali sostenibbli (SCP/SIP)¹³. Ir-regoli li jiggvernaw il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) ġew emendati¹⁴ biex jappoġġaw l-enerġija sostenibbli fis-settur tad-djar, u jipprovdu spinta oħra għall-investiment f'dan is-settur. Il-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Energija¹⁵ (il-Pjan SET) jgħaġġel l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju effikaċi mil-lat tal-kost. B'mod simili, fl-2009 kienet adottata Komunikazzjoni dwar il-mobilizzazzjoni tat-teknoloġiji tal-informatika u l-komunikazzjoni (ICT) biex ittejjeb l-effiċjenza tal-enerġija¹⁶.

Ftehim fuq il-pakkett tal-klima u l-enerġija kien kisba maġġuri fid-dawl tal-kriżi ekonomika u jipprovdi kontribuzzjoni sinifikanti mill-UE għall-isforzi biex jintlaħaq ftehim komprensiv dwar il-bidla klimatika f'Kopenhagen. Madanakollu, l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra tal-UE għandhom biss sehem limitat mill-emissjonijiet globali. Waqt li l-UE qiegħda fit-triq it-tajba biex tilħaq il-miri tagħha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra li joħorġu mill-protokoll ta' Kyoto, illum l-emissjonijiet tas-CO₂ globali huma madwar 40% ogħla milli kienu fl-1990, is-sena bażi ta' Kyoto¹⁷. Huwa stmat li sabiex tkun illimitata ż-żieda medja tat-temperatura globali għal inqas minn 2°C meta mqabbla mal-livelli preindustrijali, l-emissjonijiet globali tal-gassijiet b'effett serra jridu jitnaqqsu għal inqas minn 50% tal-livelli tal-1990 sal-2050¹⁸. Konklużjoni b'suċċess tan-negozjati internazzjonali tal-bidla klimatika f'Kopenhagen ser tkun kruċjali biex jintlaħaq futur sostenibbli fit-tul għall-pjaneta tagħna.

⁶ http://ec.europa.eu/environment/climat/climate_action.htm

⁷ Direttiva 2009/29/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 63).

⁸ Direttiva 2009/31/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).

⁹ Direttiva 2009/28/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).

¹⁰ COM (2008) 780, 13.11.2008

¹¹ COM (2008) 778, 13.11.2008

¹² COM (2008) 399, 16.7.2008.

¹³ COM (2008) 397, 16.7.2008.

¹⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 397/2009 (ĠU L 126, 21.5.2009, p. 3).

¹⁵ COM (2007) 723, 22.11.2007.

¹⁶ COM (2009) 111, 12.3.2009.

¹⁷ Prosperita' mingħajr tkabbir? It-tranżizzjoni għal ekonomija sostenibbli. Il-Kummissjoni Sostenibbli tar-Renju Unit, 2009.

¹⁸ Lejn ftehim komprensiv dwar it-tibdil fil-klima f'Kopenhagen, COM(2009) 39, 28.1.2009

Il-White Paper dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima¹⁹ tistabbilixxi qafas biex tnaqqas il-vulnerabilità tal-UE għall-impatt tal-bidla klimatika, filwaqt li tiffoka fuq l-integrazzjoni tal-adattament fl-oqsma politiki ewlenin tal-UE u tibni bażi ta' għarfien u żżid il-koperazzjoni internazzjonali.

It-trasport sostenibbli

Għalkemm it-tkabbir tal-PGD qabeż it-tkabbir fil-konsum tal-enerġija fis-settur tat-trasport, il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra mit-trasport komplew jogħlew. Waqt li sinjali tad-diżakkoppjament tal-volumi tat-trasport mit-tkabbir ekonomiku huma viżibbli fit-trasport tal-passiġġieri, it-trasport tal-merkanizja kiber b'rata iktar mgħaġġla mill-PGD. Storbju u tniġġiż tal-arja ikkawżati mit-trasport jibqgħu kwistjonijiet prinċipali madwar l-UE, b'impatt serju fuq is-saħħa.

Bħala parti mill-Pakkett tal-Klima u l-Enerġija²⁰, l-UE hija impenjata li tikseb 10% tal-konsum tal-fjuwil għat-trasport tagħha minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli sal-2020 (inkluż bijofjuwils, elettriċità rinnovabbli u idroġenu). Din il-mira hija akkumpanjata minn kriterji vinkolanti ta' sostenibbiltà għall-bijofjuwils inklużi fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli²¹ u fid-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Fjuwils²².

L-iżviluppi ewlenin fil-politika tal-UE jinkludu l-Pakkett għat-Trasport Ambjentali, li jindirizza l-ħidma għal trasport iktar ekoloġiku²³, l-internalizzazzjoni tal-kosti esterni²⁴ u t-tnaqqis tal-istorbju mill-ferroviji²⁵. Tinkludi wkoll proposta dwar l-internalizzazzjoni ta' imposti għat-trakkijiet²⁶. F'April 2009, kien adottat regolament li jstipula miri vinkolanti għall-emissjonijiet tas-CO₂ minn karożżi ġodda għall-passiġġieri²⁷.

Kisbiet oħra jinkludu l-adozzjoni ta' Direttiva dwar il-promozzjoni ta' vetturi użati għat-trasport fuq it-toroq li ma jniġġsux u li huma effiċjenti fl-użu tal-enerġija,²⁸ Pjan ta' Azzjoni għall-użu ta' Sistemi Intelliġenti tat-Trasport²⁹ u t-tnedija ta' azzjonijiet ġodda bħala segwitu għall-Green Paper dwar il-Mobilità Urbana. Barra minn hekk, intlaħaq ftehim dwar l-inklużjoni tal-avjazzjoni fl-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet mill-2012 'il quddiem. Fit-trasport marittimu, l-azzjoni tinkludi l-adozzjoni tal-Pakkett tas-Sigurtà Marittima u l-Istrateġija tat-Trasport Marittimu sal-2018³⁰.

Proposti għal Direttiva ġdida dwar l-ittikkettar tat-tajers³¹ u regolament dwar il-limiti tal-ħsejjes tat-tajers waqt li jkunu mexjin, standards ta' reżistenza u l-użu ta' sistemi ta' twissija dwar il-persjoni tat-tajers³² ukoll ġew adottati.

¹⁹ White paper - L-adattament għat-tibdil fil-klima : lejn qafas Ewropew għall-azzjoni, COM (2009)147, 1.4.2009.

²⁰ http://ec.europa.eu/environment/climat/climate_action.htm

²¹ Direttiva 2009/28/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).

²² Direttiva 2009/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 88).

²³ COM (2008) 433, 8.7.2008.

²⁴ COM (2008) 435, 8.7.2008.

²⁵ COM (2008) 432, 8.7.2008.

²⁶ COM (2008) 436, 8.7.2008.

²⁷ Regolament (KE) Nru. 443/2009 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1).

²⁸ Direttiva 2009/33/KE (ĠU L 120, tal-15.5.2009, p. 5).

²⁹ COM(2008) 886, 16.12.2008.

³⁰ COM (2009) 8, 21.1.2009.

³¹ COM (2008) 779, 13.11.2008.

Fl-iżvilupp tal-politika tat-trasport tal-UE, huwa essenzjali li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-aspetti kollha tas-sostenibbiltà (bħal ma huma l-emissjonijiet, l-istorbju, l-okkupazzjoni tal-art u l-bijodiversità) u li kwalunkwe azzjoni tkun ibbażata fuq viżjoni fit-tul għall-mobilità sostenibbli tan-nies u l-merkanzija li tkopri s-sistema kollha tat-trasport³³, u fuq sforzi kumplimentari fuq livell tal-UE, nazzjonali u reġjonali.

Il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli

It-tibdil fil-konsum u l-produzzjoni sostenibbli juri stampa pjuttost mħarbita, b'xi progress li qed jinkiseb fil-qasam tad-diżakkoppjament tad-degradazzjoni ambjentali u l-użu ta' riżorsi naturali mit-tkabbir ekonomiku. Madanakollu, xejriet ta' konsum, li jirrigwardaw prinċipalment il-konsum ta' enerġija, juru ċar żviluppi sfavorevoli, waqt li xejriet ta' produzzjoni juru sinjali pożittivi.

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Politika dwar il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli u l-Industrija Sostenibbli (SCP/SIP)³⁴ għandu jgħin biex itejjeb ir-rendiment ambjentali tal-prodotti, jagħti spinta lit-talba għal iktar oġġetti u teknoloġiji tal-produzzjoni sostenibbli u jrawwem l-innovazzjoni. Il-Pjan ta' Azzjoni kien akkumpanjat minn proposti għal riformulazzjoni tad-Direttivi tal-Ekodisinn u l-Ittikettar tal-Enerġija u r-reviżjoni tar-Regolamenti tal-Ekotikketta u tal-EMAS³⁵. Il-bejjieġha bl-imnut għandhom rwol importanti fl-influenza tal-għażla tal-konsumatur u għalhekk ġie stabbilit Forum bil-għan li jnaqqas l-impatt ambjentali tas-settur tal-bejgħ bl-imnut u jinforma aħjar lill-konsumaturi.

Dwar l-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku (APE), inizjattivi importanti politiki jinkludu ir-Regolament tal-Istilla tal-Enerġija³⁶ u Komunikazzjoni dwar l-akkwist pubbliku għal ambjent aħjar³⁷, li tipproponi mira volontarja ta' 50% tal-APE għall-Istati Membri biex tintlaħaq sa mill-2010. Is-servizzi tal-Kummissjoni żviluppaw kriterji tal-APE għal għaxar gruppi prijoritarji ta' prodotti u servizzi (bħal ma huma t-trasport, l-ikel, il-kostruzzjoni u apparat tal-uffiċċju), li l-Istati Membri ġew mistiedna jirratifikaw.

Sar progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għat-Teknoloġiji Ambjentali (ETAP), bħax-xogħol fuq il-kejl tal-eko-innovazzjoni. Il-Linji Gwida ambjentali dwar l-Għajnuna mill-Istat irrevveduti jipprovdu bonus ta' 10% fuq l-intensità massima tal-għajnuna fuq investimenti fl-eko-innovazzjoni³⁸. Id-Direttiva dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis (IPPC)³⁹ hija għodda ewlenija lejn produzzjoni sostenibbli u eko-innovazzjoni, li ser tkun imsaħħa iktar bil-proposta għal Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali⁴⁰.

Fl-2008, il-leġiżlazzjoni gwida tal-UE dwar il-kimika REACH saret operattiva bl-Aġenzija Ewropea għall-Kimiċi (ECHA) li bdiet xogħolha. Regoli ġodda dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-ippakkjar tal-kimiċi wkoll daħlu fis-seħħ.

³² COM (2008) 316, 23.5.2008.

³³ Il-Komunikazzjoni "Futur sostenibbli għat-trasport: Lejn sistema integrata, immexxija mit-teknoloġija u li tista' tintuża faċilment", COM(2009) 279, 17.6.2009.

³⁴ COM (2008) 397, 16.7.2008.

³⁵ Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill diġà laħqu ftehim fuq id-Direttiva tal-Ekodisinn u r-Regolamenti tal-Ekotikketta u tal-EMAS.

³⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 106/2008 (ĠU L 39, 13.2.2008, p. 1).

³⁷ COM (2008) 400, 16.7.2008.

³⁸ ĠU Nru C 82, 1.4.2008, p. 1

³⁹ http://ec.europa.eu/environment/air/pollutants/stationary/ippc/key_impl.htm

⁴⁰ COM (2007) 844, 21.12.2007.

Il-ħarsien u l-ġestjoni tar-riżorsi naturali

Waqt li kien hemm żviluppi pożittivi fl-istatus u l-użu tal-ilma u l-arja, l-attività umana tkompli thedded il-bijodiversità u wċuħ ta' art naturali.

It-talba globali għar-riżorsi naturali qed tikber malajr, u ser tkompli tikber minħabba fit-kabbir tal-popolazzjoni, li mistennija tilħaq id-9 biljun ruħ sal-2050. Imkejla bl-impatt ekoloġiku, huwa stmat li dan ser ikun 30% iktar minn dak li l-pjaneta tiflaħ għalih fuq medda twila ta' żmien.⁴¹

Il-bijodiversità qed tonqos globalment u ma hemm l-ebda sinjal li din ix-xejra se terġa' lura jew tnaqqas mir-ritmu. L-UE mhux mistennija tilħaq il-miri tagħha tal-2010 li twaqqaf it-telf tal-bijodiversità⁴². L-istokkijiet tal-ħut Ewropej kienu sfruttati minn sajd żejjed għal għexieren ta' snin⁴³. It-telf anwali tas-servizzi tal-ekosistemi huwa stmat li hu ekwivalenti għal EUR50 biljun, waqt li sal-2050 it-telf kumulattiv ta' benesseri kien stmat ekwivalenti għal 7% tal-PGD⁴⁴.

Meta mqabbla mas-snin preċedenti, l-ekosistemi forestali fl-UE huma stabbli iżda iktar ma jmur esposti għal sfidi, bħal maltempati, nirien, organiżmi ta' ħsara u impatti dannużi oħra relatati mal-bidla klimatika. Il-kwalità tal-ħamrija qed tkompli tiddeterjora bil-bidla klimatika. B'mod ġenerali, servizzi tal-ekosistema huma importanti f'dan il-kuntest ladarba jgħinu wkoll biex jimmoderaw l-estremitajiet tat-temp u jnaqqsu l-impatti tat-temp u jsostnu l-bijodiversità.

Inizjattivi tal-UE jinkludu l-Inizjattiva dwar il-Materja Prima tal-UE⁴⁵ li pproponiet strateġija integrata biex jiġu affaċċjati d-diversi sfidi relatati mal-aċċess għall-materja prima, inklużi dawk sekondarji li jistgħu jinkisbu fl-UE permezz ta' iktar riċiklaġġ u riċiklaġġ aħjar. Il-Panel Internazzjonali għall-Ġestjoni Sostenibbli tar-Riżorsi⁴⁶ kien inawgurat f'Novembru 2007 mill-UNEP u mill-Kummissjoni. Leġislazzjoni ġdida dwar t-tqegħid fis-suq ta' żrieragħ u materjal ta' tniissil ġiet preparata biex tikkontribwixxi għat-twaqqif ta' telfien ta' bijodiversità⁴⁷.

Ir-reviżjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart⁴⁸ hija mezz importanti li jgħin lill-UE timxi lejn ġestjoni aħjar tar-riżorsi materjali u ttejjeb l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi. Hija tiċċara l-kunċetti bażiċi bħall-ġerarkija tal-iskart, il-prevenzjoni tal-iskart u l-inklużjoni tal-kunsiderazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja. Id-Direttiva tistipula miri importanti għar-riċiklaġġ tal-iskart għas-sena 2020: 50% għar-riċiklaġġ tal-iskart tad-djar u 70% għall-iskart tal-kostruzzjoni u tad-demolizzjoni.

L-Istati Membri hađu azzjonijiet speċifiċi biex jipproteġu l-bijodiversità permezz id-direttivi dwar l-Għasafar u l-Ĥabitats. Madanakollu, it-tlestija tan-netwerk ta' Natura 2000 hija pendenti, kif ukoll il-ġestjoni xierqa għall-ispeċijiet u l-ħabitats.

⁴¹ WWF, Living Planet Report, 2008.

⁴² Valutazzjoni ta' nofs il-perjodu dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-KE dwar il-Bijodiversità, COM(2008) 864, 16.12.2008

⁴³ Green Paper: Riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2009)163), 22.4.2009.

⁴⁴ TEEB (2008) "L-Ekonomija tal-Ekosistemi u l-Bijodiversità" - Rapport interim lis-COP9 tas-CBD u r-Reviżjoni Intermedja tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijodiversità (COM(2008) 864) u l-EPRG (li sa jsir fl-2009).

⁴⁵ COM (2008) 699, 4.11.2008.

⁴⁶ www.unep.fr/scp/rpanel/

⁴⁷ http://ec.europa.eu/food/plant/propagation/conservation_varieties/index_en.htm

⁴⁸ Direttiva 2008/98/KE (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

Azzjoni ewlenija dwar il-ġestjoni tal-ilma tinkludi l-implimentazzjoni kontinwa tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u tal-politika Komunitarja dwar l-iskarsezza tal-ilma u n-nixfa⁴⁹. L-objettiv tad-Direttiva, li jinkiseb status ambjentali tajjeb għall-ilmijiet kollha sal 2015, jippreżenta sfida importanti għax il-maġġoranza tal-korpi tal-ilma fl-UE ġew identifikati li qegħdin f'riskju li ma jilhqax l-objettiv tad-direttiva jekk ma titteħidx azzjoni. Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma ġiet kompluta permezz ta' direttiva li stipulat l-istandards għall-kwalità ambjentali għal numru ta' kimiċi prijoritarji⁵⁰.

Il-Politika Marittima Integrata, mnedija f'Ottubru 2007, tistipula qafas komuni għall-kwistjonijiet kollha ta' politika marittima tal-UE u tintroduċi għodod trasversali biex tiżgura li l-użu tal-ambjent tal-baħar (oċeani, ibħra u kosti) huwa ġenwinament sostenibbli. Sar progress sinifikanti fl-inizjattivi fil-politika settorjali fl-isfera marittima⁵¹. L-istrateġiji dwar il-baċiri tal-baħar għall-Oċean Artiku, il-Baħar Baltiku u l-Mediterran ser jindirizzaw l-isfidi speċifiki ta' dawn il-korpi tal-ilma.

Il-Green Paper dwar ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd (CFP)⁵² tispjega l-istat tas-sajd fl-Ewropa u tanalizza is-CFP attwali. Hija tinstiga u tinkoraġġixxi dibattitu pubbliku dwar kif tista' tkun żgurata is-sostenibbiltà u l-vijabbiltà tas-sajd fuq medda twila ta' żmien.

Is-saħħa pubblika

L-iżvilupp inġenerali tas-saħħa fl-UE huwa pjuttost imħallat. In-numru ta' snin li l-Ewropej huma mistennija jgħixu f'kundizzjonijiet b'saħħithom qiegħed jiżdied b'mod konsistenti għalkemm bil-mod. Titjib fis-saħħa huwa viżibbli fir-rati ta' mewt minħabba mard kroniku u suwiċidji li qed jonqsu. Hemm ukoll inqas inċidenti serji fuq il-post tax-xogħol. Madanakollu, hemm iktar espożizzjoni għat-tniġġiż tal-arja u iktar produzzjoni ta' kimiċi tossiċi, u qed jitfaċċaw sfidi ġodda.

L-adozzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar is-Saħħa⁵³ f'Ottubru 2007 tat aproċċ olistiku biex jinkiseb progress u sostenibbiltà fil-ħajja taċ-ċittadini tal-UE.

Azzjoni biex tippromwovi saħħa tajba, tnaqqas l-inugwaljanzi fis-saħħa u ttejjeb il-protezzjoni kontra theddid għas-saħħa inkluż xogħol fuq mard maġġuri u kroniku, bħall-kankru u mard rari. Bosta inizjattivi ta' politika ffukaw fuq is-saħħa mentali, l-alkoħol, l-obeżità u t-tabakk, u fuq il-ġlieda kontra l-HIV/AIDS. L-Indikaturi tas-Saħħa Komuni Ewropej (ECHI)⁵⁴ jipprovdu informazzjoni dwar l-istatus tas-saħħa, inkluż l-indikatur tas-Snin ta' Ħajja fis-Saħħa (HLY), u dwar determinanti relatati mal-istil ta' ħajja u t-tniġġiż ambjentali.

⁴⁹ COM(2007) 414, 18.7.2007 http://ec.europa.eu/environment/water/quantity/scarcity_en.htm

⁵⁰ Direttiva 2008/105/KE (ĠU L 384 24.12.2008, p. 84).

⁵¹ Id-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija tal-Baħar (Direttiva 2008/56/KE, ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19), l-Istrateġija Ewropea dwar ir-Riċerka tal-Baħar u dik Marittima (COM(2008) 534, 3.9.2008), l-Ispazju Marittimu Komuni mingħajr Ostakli (COM(2009) 10, 21.1.2009), il-Komunikazzjoni dwar l-enerġija tar-riħ minn fuq il-baħar (COM(2008) 768, 13.11.2008), il-White Paper dwar l-Adattament għall-Bidla fil-Klima (COM(2009)147, 1.4.2009), u l-Istrateġija dwar Żarmar tal-Bastimenti (COM(2008) 767, 19.11.2008)

⁵² COM(2009) 163, 22.4.2009 <http://ec.europa.eu/fisheries/reform/>

⁵³ COM (2007) 630, 23.10.2007.

⁵⁴ http://ec.europa.eu/health/ph_information/dissemination/echi/echi_en.htm

Qafas ġdid leġiżlattiv dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi ġie miftiehem mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill⁵⁵. Huwa ser jirrappreżenta titjib sinifikanti f'termini ta' protezzjoni ambjentali u sigurtà. Is-Sistema Komunitarju tas-Saħħa tal-Pjanti (CPHR) eżistenti qed tkun evalwata u aġġornata fil-preżent⁵⁶.

Is-Sistema l-ġdida għall-awtorizzazzjoni tal-addittivi tal-ġhalf⁵⁷ hija waħda mill-forzi mexxejja għall-innovazzjoni fis-settur tal-ġhalf u titjib fil-proporzjon ta' konverżjoni tal-ġhalf. Il-Pjan ta' Azzjoni li jimplementa l-Istrateġija għas-Saħħa tal-Annimali⁵⁸ l-ġdida jinkludi bosta inizjattivi biex iżommu livell għoli sostenibbli tal-istandards tas-saħħa tal-annimali u pubblika. Kien hemm progress fil-ħidma fuq il-protezzjoni u t-trattament xieraq tal-annimali.

Il-Kummissjoni tikkontribwixxi wkoll għal saħħa aħjar permezz ta' riċerka u servizzi tas-saħħa-e avvanzati ffinanzjati mill-UE, pereżempju billi tinkoraġġixxi l-użu tal-ICT fis-sistemi tas-saħħa Ewropej.

Fl-2009, il-Kummissjoni nediet Inizjattiva dwar is-Saħħa taż-Żgħażaġħ, li timmira li jtejjeb is-saħħa u l-benesseri taż-żgħażaġh. Il-Kummissjoni kompliet ukoll taħdem mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) dwar kwistjonijiet bħal bidla klimatika, il-kwalità tal-arja ta' ġewwa, il-kontroll tat-tabakk u l-prevenzjoni ta' korrimenti.

L-inklużjoni soċjali, id-demografija u l-migrazzjoni

In-numru ta' familji mingħajr impjeg, inugwaljanza fid-dħul u l-qgħad fit-tul kollha tnaqqsu, iżda n-numru ta' ħaddiema fqar u r-riskju ġenerali ta' faqar ma nbidlux. Il-mira li sal-2010 jkun hemm mill-inqas nofs il-ħaddiema l-aktar anzjani impjegati hija mistennija tintlaħaq iżda l-mira li tkun ittardjata l-età medja tal-irtirar għall-65 sena sal-2010 mhux mistennija tintlaħaq. Ix-xejriet demografiċi jindikaw li l-età tal-popolazzjoni li taħdem fl-UE-27 ser tibda tonqos sal-2013, u ser tonqos b'madwar 39 miljun (12%) sal-2050 meta mqabbla mal-2008⁵⁹.

Sfida importanti tibqa' li nagħmlu l-aħjar li nistgħu mill-potenzjal demografiku tal-Ewropa: żieda fir-rata tal-impjegi, fil-produttività u l-integrazzjoni b'suċċess tal-migranti. Iktar sforzi huma neċessarji biex tkun miġġielda d-diskriminazzjoni kontra l-migranti.

Il-progress fil-politika jinkludi Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2008 dwar l-inklużjoni attiva ta' nies esklużi mis-suq tax-xogħol. Riforzi tal-Istati Membri fl-oqsma tal-inklużjoni soċjali u tal-protezzjoni soċjali ġew promossi fi ħdan il-Metodu Miftuħ ta' Kordinazzjoni. Il-Fondi Strutturali tal-UE jappoġġaw l-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali. Matul il-perjodu 2007-2013, madwar EUR10 biljun qed ikunu allokatati għal dan il-ġhan.

It-tieni Rapport Demografiku⁶⁰ kien ippubblikat flimkien mal-Forum Demografiku Ewropew fl-2008. Inħolqu l-Alleanza Ewropea għall-Familji u grupp konsultattiv ġdid tal-gvern dwar kwistjonijiet demografiċi.

⁵⁵ <http://ec.europa.eu/environment/ppps/home.htm>

⁵⁶ http://ec.europa.eu/food/plant/strategy/index_en.htm

⁵⁷ http://ec.europa.eu/food/food/animalnutrition/feedadditives/comm_register_feed_additives_1831-03.pdf

⁵⁸ http://ec.europa.eu/food/animal/diseases/strategy/actionplan_en.htm

⁵⁹ Sors: Eurostat

⁶⁰ SEC(2008) 2911, 21.11.2008.

Rapport tal-Kummissjoni tal-2009 dwar it-Tixjij⁶¹ jagħti ħarsa mill-qrib lejn l-impatt ekonomiku u baġitarju ta' popolazzjoni li qed tixjieħ fuq medda twila ta' żmien sal-2060.

Bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni dwar it-Tixjij Tajjeb fis-Soċjeta' tal-Infommazzjoni, ġie adottat Programm ta' Azzjoni għal Riċerka dwar l-Għixien Megħjun Kontestwalment (AAL)⁶². Madwar EUR150 miljun ġew allokati għal dan il-programm.

Fuq il-migrazzjoni, l-UE qiegħda wkoll taħdem biex ittejjeb il-ġestjoni tal-flussi migratorji, biex tikkordina politiki nazzjonali tal-integrazzjoni u tiġġieled il-migrazzjoni illegali. Bħala parti mill-implimentazzjoni tal-pjan ta' politika dwar il-migrazzjoni legali, tressqu proposti leġiżlattivi biex jarmonizzaw il-proċeduri ta' ammissjoni, kriterji u drittijiet ta' ċertu kategoriji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi⁶³. Il-'Karta Blu tal-UE' għall-migranti bi kwalifiki għolja saret realtà⁶⁴. Il-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali kompliet tissaħħaħ permezz tal-adozzjoni tad-"Direttiva dwar ir-Ritorn" u Direttiva li tipprovdi għal sanzjonijiet kontra min iħaddem ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu residenti illegali⁶⁵.

Sar Ktejjeb ta' Tagħrif dwar l-Integrazzjoni għal dawk li jfasslu l-politika u għall-prattikanti u ġew stabbiliti sit elettroniku Ewropew dwar l-integrazzjoni bħala one-stop-shop⁶⁶ u Forum Ewropew dwar l-Integrazzjoni. L-isforzi tal-Istati Membri qed ikunu sostnuti mill-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni, bi EUR825 miljun allokati għall-perjodu 2007-2013.

Il-Komunikazzjoni dwar Politika tal-Immigrazzjoni Komuni għall-Ewropa⁶⁷ u l-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Azil⁶⁸ ipprovdew il-bażi għal aproċċ koerenti fil-futur. Min-naħa tiegħu, l-Kunsill Ewropew iddeċieda wkoll li jsejjaħ dibattitu annwali fuq il-politiki tal-immigrazzjoni u l-ażil, sa minn Ġunju tal-2010.

L-isfidi dinjin marbutin mal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli

Fl-2008, l-UE dawret it-triq tan-niżla fil-flussi tal-ODA rreġistrati fl-2007. Minkejja din ix-xejra ta' żieda, il-prospetti għas-snin li ġejjin jidhru pjuttost problematiċi minħabba li ħafna Stati Membri huma ferm imbiegħda mill-miri ewlenin individwali tagħhom tal-2010⁶⁹. Il-parti l-kbira tal-indikaturi l-oħrajn dwar il-globalizzazzjoni tal-kummerċ, il-finanzjament ta' żvilupp sostenibbli u l-ġestjoni tar-riżorsi globali juru xejriet favorevoli.

L-involvement ta' sħab minn pajjiżi terzi biex ikunu indirizzati sfidi dwar l-iżvilupp globali sostenibbli huwa indispensabbli. L-UE tkompli tikkopera ma' pajjiżi terzi u reġjuni, kemm b'mod bilaterali kif ukoll fil-kuntest ta' proċessi multilaterali, bħall-G8, il-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (CSD), UNEP u korpi rilevanti oħra tan-NU, u l-OECD. Il-laqgħa tas-CSD f'Mejju 2009 qablet li biex tinkiseb sigurtà alimentari fuq medda twila ta' żmien, hemm bżonn ta' politiki futuri li jikkunsidraw tħassib ambjentali, bħat-talba

⁶¹ COM(2009)180, 29.4.2009-
http://ec.europa.eu/economy_finance/thematic_articles/article14761_en.htm

⁶² Deċiżjoni 742/2008/KE (Ġ.U. L 201, 30.7.2008, p. 49).

⁶³ Direttiva 2009/50/KE (Ġ.U. L 155, 18.6.2009, p. 17), COM(2007) 638, 23.10.2007.

⁶⁴ Direttiva 2009/50/KE (Ġ.U. L 155, 18.6.2009, p. 17).

⁶⁵ Direttiva 2009/52/KE (Ġ.U. L 168, 30.6.2009, p. 24).

⁶⁶ <http://ec.europa.eu/ewsi/en/index.cfm>

⁶⁷ COM (2008) 359, 17.6.2008.

⁶⁸ Dokument tal-Kunsill 13440/08; Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2009) 266, 10.6.2009.

⁶⁹ COM (2009) 160, 8.4.2009.

għall-ilma fl-agrikoltura, id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-ħamrija u l-bidla klimatika, l-użu ta' approċċi bbażati fuq ix-xjenza u l-ġharfien indiġenu lokali.

Ġie stabbilit djalogu fuq livell għoli ma' numru ta' pajjiżi, b'mod notevoli l-Brażil, iċ-Ċina, l-Indja, ir-Russja, il-Messiku u l-Afrika t'Isfel. Djalogu simili diġà jeżiżti mal-Awstralja, l-Kanada, il-Ġappun u l-Istati Uniti. Oqfsa ta' koperazzjoni iktar miftuħa ġew żviluppati ma' numru ta' pajjiżi, bħall-Indja u iċ-Ċina. Barra minn hekk, Dikjarazzonijiet Konġunti dwar il-Bidla Klimatika ġew maqbula mal-Forum tal-Karibew, mal-Forum tal-Gżejjer tal-Paċifiku u mal-Unjoni Afrikana, u kienet iffirmata Dikjarazzjoni Konġunta bejn il-AKP u l-UE.

Id-djalogu u l-koperazzjoni mas-šhab tal-Politika Ewropea tal-Viċinat jipromwovu l-oġettivi ta' żvilupp sostenibbli. F'dan ir-rigward, il-koperazzjoni reġjonali ġiet imsaħħa permezz tal-Unjoni għall-Mediterran, is-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed u l-Partenarjat tal-Lvant.

Fil-qasam tal-koperazzjoni għall-iżvilupp, inizjattivi li jikkontribwixxu għall-oġettivi ta' żvilupp sostenibbli jinkludu l-Komunikazzjoni dwar l-istrateġija tal-UE biex tappoġġa t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastru f'pajjiżi li qed jiżviluppaw⁷⁰, Qafas Ewropew Strateġiku għall-Koperazzjoni Internazzjonali fix-Xjenza u t-Teknoloġija⁷¹, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal dwar it-titjib tal-integrazzjoni ambjentali fil-koperazzjoni għall-iżvilupp⁷², u ftehimiet fi ħdan l-inizjattiva għall-Infurzar, Tmexxija u Kummerċ tal-Liġi tal-Foresta (FLEGT). Dawn jinkludu Ftehim ta' Sħubija Volontarja milħuq mal-Kongo Brazzaville u negozjati ma' bosta pajjiżi oħrajn.

L-edukazzjoni u t-taħriġ

Il-prevalenza ta' riżultati baxxi fl-edukazzjoni naqset fil-gruppi kollha maqsuma skont l-età. Madanakollu, ż-żieda ta' nies involuti f'attivitajiet ta' taġlim tul il-ħajja u t-tnaqqis fin-numru ta' studenti li jtitilqu qabel mill-iskola mhux qed iseħħu malajr biżżejjed biex jintlaħqu l-miri speċifiċi.

L-edukazzjoni u t-taħriġ jibnu l-pedament fundamentali għall-iżvilupp sostenibbli. Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi l-Istati Membri fl-isforzi taġħhom biex jiżviluppaw iktar aproċċi strateġiċi għall-qsim tal-ġharfien u l-prattiki tajba f'tentattiv biex tkun stimulata l-Edukazzjoni għal Żvilupp Sostenibbli (EŻS). Inventarju tal-Kummissjoni dwar Prattiki Innovattivi fl-Istati Membri u l-pajjiżi taż-ŻEE jenfasizza l-importanza tal-EŻS⁷³.

Il-“Qafas strateġiku aġġornat għal kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tat-taġlim u t-taħriġ”⁷⁴ tal-Kummissjoni ser jigwida l-koperazzjoni fuq livell Ewropew sal-2020. Il-“Programm ta' Taġlim tul il-Ħajja 2007-2013” huwa għodda primarja fl-iżvilupp tar-rwol ta' sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ.

Riċerka u Żvilupp

⁷⁰ COM (2009) 84, 23.2.2009.

⁷¹ COM (2008) 588, 24.9.2008.

⁷² SEC(2009) 555, 21.4.2009.

⁷³ http://ec.europa.eu/education/more-information/doc/sustdev_en.pdf

⁷⁴ COM(2008) 865, 16.12.2008; approvat mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-12.5.2009.

Skont id-dejta tal-Eurostat, is-sehem tal-ispiża gross domestika fuq R&D fil-PGD naqas bejn l-2000 u l-2007 minn 1,85% għal 1,83%. Dan l-indikatur għalhekk juri tbeġhid mill-mira tal-UE ta' 3% sal-2010.

Wieħed mill-oġġettivi ewlenin tas-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku għall-perjodu 2007-2013 (FP7) hu li jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli. Fl-2007 u l-2008, madwar 44% tal-baġit totali indikat għar-riċerka koperattiva kien allokat għal proġetti relatati mal-iżvilupp sostenibbli. Tnejn mill-Inizjattivi Konġunti Teknoloġiċi (IKT) stabbiliti taħt l-FP7, “Sema Nadif” u l-“L-Idroġenu u ċelluli ta' kombustjoni”, huma wkoll marbuta mas-sostenibbiltà. Il-Kontribuzzjoni totali tal-UE tammonta għal EUR1,3 biljun. Barra minn dan, fil-pjan ta' rkupru ekonomiku Ewropew, il-Kummissjoni pproponiet tliet Sħubijiet Pubbliċi-Privati (SPP) madwar tliet kwistjonijiet ewlenin għas-sostenibbiltà: “karozzi ekoloġiċi”, “bini li jagħmel użu effiċjenti mill-enerġija”, u “fabbriki għall-futur”. Il-Kummissjoni qed taħdem biex tiżgura li ż-Żona tar-Riċerka Ewropea kollha tirrispondi għall-oġġettivi għal żvilupp sostenibbli. L-isfida quddiemna hi li nibnu fuq l-ewwel passi promettenti u li intejbu l-kontribuzzjoni tar-riċerka lejn żvilupp sostenibbli.

Strumenti tal-Iffinanzjar u Ekonomiċi

Fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni, l-UE tinvesti f'azzjoni biex tipromwovi żvilupp sostenibbli billi tintegra inizjattivi ta' żvilupp sostenibbli fl-istrateġiji nazzjonali u reġjonali tal-iżvilupp. Fil-perjodu ta' programmar 2007-2013, din il-politika kompliet tappoġġa l-isfidi ewlenin u t-temi transversali. Pereżempju, fil-perjodu 2007-13, EUR105 biljun, jew 30% mit-total ta' EUR347 allokati għall-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, ser jintefqu fuq l-ambjent. Il-politika ta' koeżjoni tipromwovi wkoll l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' politika bħall-aproċċ ta' programmar u governanza fuq bosta livelli, li jappoġġaw l-iżvilupp sostenibbli fi ħdan l-istrutturi ta' ġestjoni tal-programm u jinkoraġġixxi r-reġjuni biex ifittxu żvilupp sostenibbli.

Hemm skop għal iktar integrazzjoni tal-għanijiet u prinċipji tal-SŻS tal-UE fil-politika ta' koeżjoni biex din tkun tista' tindirizza l-isfidi ġodda ta' żvilupp sostenibbli iffaċċjati mill-UE. Il-politika ta' koeżjoni tista' tgħin kemm biex timmitiga, partikolarment permezz ta' appoġġ għall-bidla lejn ekonomija b'inqas emissjonijiet tal-karbonju, u biex tadatta.

Il-Kummissjoni qiegħda tintegra t-tneħħija progressiva ta' sussidji li jagħmlu ħsara ambjentali fil-politiki settorjali tagħha, pereżempju permezz tar-riforma fil-politika tas-sajd u tal-Verifika tas-Saħħa tal-PAK.

Il-Kummissjoni adottat ukoll linji gwida ġodda għall-għajnuna mill-Istat dwar protezzjoni ambjentali⁷⁵, li ser jsibu bilanċ bejn li jwasslu għal benefiċċji ambjentali akbar u jimminimizzaw id-distorsjoni fil-kompetizzjoni, biex b'hekk jgħinu lill-Istati Membri jintroduċu l-istrumenti ta' politika t-tajbin u jiffinanzjaw l-ekoinnovazzjoni.

Il-konsultazzjoni pubblika mnedija permezz tal-Green Paper tal-2007 dwar l-użu ta' strumenti bbażati fuq is-suq għall-ambjent u għall-bżonn tal-politiki relatati wriet li kien hemm interess konsiderevoli f'iktar użu ta' strumenti bbażati fuq is-suq⁷⁶.

⁷⁵ ĠU Nru C 82, 1.4.2008, p. 1

⁷⁶ SEC(2009) 53, 16.1.2009.

http://ec.europa.eu/environment/enveco/pdf/analyse_doc.pdf

4. NIEĦDU L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI LEJN IL-FUTUR

Wara tliet snin ta' implimentazzjoni tal-SŻS tal-UE, wasal iż-żmien tajjeb biex nirriflettu dwar kif din l-istrateġija tista' tkompli fil-futur.

Fil-livell tal-UE, l-iżvilupp sostenibbli huwa primarjament promoss u sorveljat fil-kuntest ta' politiki individwali tal-UE, u l-SŻS tal-UE stess għandha rwol importanti biex tippromwovi l-oġettiv ġenerali ta' żvilupp sostenibbli. L-SŻS tal-UE kienet ukoll strumentali fl-iżvilupp ta' strateġiji tal-iżvilupp sostenibbli fuq livell nazzjonali u dak reġjonali. Illum, kważi l-Istati Membri kollha tal-UE għandhom l-istrateġiji nazzjonali għal żvilupp sostenibbli (SNŻS) tagħhom, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet internazzjonali tal-aħjar prattiki⁷⁷. Studju ppubblikat riċentament ikkummissjonat mill-Kumitat tar-Regjuni⁷⁸, jipprovdi analiżi ddettaljata ta' dawn l-istrateġiji nazzjonali.

Diversi partijiet interessati sabuha diffiċli biex jifhmu għaliex hemm bosta strateġiji prijoritarji trasversali fil-livell tal-UE, bħalma hi l-Istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjiegi u l-SŻS tal-UE. Eżempji oħra ta' strateġiji trasversali huma l-Pakkett għall-Bidla Klimatika u l-Enerġija u l-Politika Marittima Integrata. L-Istrateġija ta' Liżbona hija strateġija dinamika li fiha għiet inkluża s-sostenibbiltà (il-bidla klimatika, l-enerġija, is-sostenibbiltà finanzjarja u soċjali). L-SŻS tal-UE hija strateġija fuq medda twila ta' żmien li tiprovd qafas tajjeb għall-gwida u rapurtaġġ fuq żviluppi wesgħin fuq perjodu twil ta' żmien u li tipromwovi riflessjoni fuq is-sostenibbiltà għall-ġejjieni, iżda tirrikjedi wkoll azzjoni politika fi żmien qasir. Madanakollu, l-amalgamazzjoni ta' strateġiji trasversali ma tidhirx fattibbli meta wieħed jikkunsidra r-rwoli li jaqdu. In-natura kumplementari tal-SŻS u l-Istrateġija ta' Liżbona kienu stipulati fl-SŻS tal-UE rinnovat⁷⁹. Madanakollu, jista' jkun li fadal lok għal iktar kjarifiki dwar ir-rwol speċifiku tal-SŻS tal-UE fil-konfront ta' strateġiji oħra u sabiex tkun integrata magħhom.

F'dan il-kuntest, il-punti li ġejjin jistgħu jkunu kkunsidrati fir-rigward tal-monitoraġġ tal-istrateġija.

- (1) Sinerġija ikbar mal-Istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjiegi, li ser tkun riveduta fl-2010, u strateġiji trasversali tal-UE oħrajn. Jista' jkun hemm kordinazzjoni aħjar u rabta bejn l-oqsma tal-politika koperti mill-Istrateġiji u s-segwitu għalihom.
- (2) L-istrateġija tista' tkun iktar simplifikata jew, alternattivament, l-SŻS tista' tiġi ffukata mil-ġdid fuq in-natura ġenerali tagħha, u ttiprovdi qafas ġenerali għat-tfassil tal-politika, f'konformità mal-prinċipji gwida sipulati fl-2006.
- (3) L-istrateġija tista' tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki relatati ma' aproċċi innovattivi fl-Istati Membri.

⁷⁷ Il-kordinaturi Nazzjonali tal-SŻS jipprovdu rabta bejn l-SŻS tal-UE u l-SNŻS. In-Netwerk Ewropea għal Żvilupp Sostenibbli (ESDN) tiffaċilita l-iskambju ta' prattiki tajbin u esperjenzi mal-Istati Membri. Informazzjoni dwar l-SNŻS hija disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-ESDN. <http://www.sd-network.eu/?k=country%20profiles>

⁷⁸ Kontribuzzjonijiet tal-Awtoritajiet Reġjonali u Lokali għall-Istrateġiji tal-Iżvilupp Sostenibbli, Kumitat tar-Reġjuni, 2009 (Awtur: RIMAS).

⁷⁹ Dokument tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea Nru. 19117/06, 9.6.2006.

- (4) Sabiex tiżgura monitoraġġ u infurzar iktar effiċjenti mill-Istati Membri, jistgħu wkoll jintużaw mekkaniżmi użati fl-istrateġija ta' Liżbona biex jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-SŻS tal-UE. Huma għandhom jinkludu objettivi identifikati b'mod konġunt, strumenti ta' miżura (indikaturi, linji gwida), parametri (paragun tal-prestazzjoni tal-Istati Membri) u emulazzjoni biex jiġu replikati u estiżi l-aħjar prattiki. Miżuri b'appoġġ taż-żewġ strateġiji, b'riżultati pożittivi u viżibbli dwar it-tkabbir, l-impjiegi u l-ambjent, jistgħu jkunu identifikati. L-integrazzjoni tal-innovazzjoni ekoloġika, l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u t-tkabbir ekoloġiku nadif tista' tkun tema prinċipali.
- (5) Il-monitoraġġ tal-SŻS huwa bbażat fuq Indikaturi ta' Żvilupp Sostenibbli kkordinati mill-Eurostat. L-IŻS huma għodda ta' monitoraġġ komprensiv, għalkemm ċertu indikaturi importanti għadhom iridu jkunu żviluppati. F'tentattiv biex iżżid mal-IŻS u mal-informazzjoni ewlenija fuq l-isfidi taż-ŻS b'mod iktar effiċjenti, il-Kummissjoni qed tesplora l-possibbiltajiet li tiżviluppa tabella ta' valutazzjoni fuq iż-ŻS.
- (6) Qegħdin jitfaċċaw sfidi ġodda għaż-ŻS, li mhumiex inklużi preżentament jew li huma koperti biss b'mod marġinali fl-SŻS tal-UE. Dawn jinkludu s-sigurtà tal-enerġija, l-adattament għall-bidla klimatika⁸⁰, is-sigurtà tal-ikel, l-użu tal-art, is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u d-dimensjoni esterna tal-iżvilupp sostenibbli. Fir-rigward tad-dimensjoni esterna, il-bidla klimatika u l-enerġija flimkien mal-kisba tal-Għanijiet għall-Iżvilupp tal-Millennju għandhom jibqgħu oqsma ta' prijorità.

B'mod partikolari, l-istrateġija tista' tiffoka fuq l-għanijiet tal-UE fuq medda twila ta' żmien f'oqsma kruċjali, notevolment billi:

- tikkontribwixxi għal tibdil rapidu lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju u li teħtieġ investiment baxx, ibbażata fuq teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-enerġija u r-riżorsi u trasport sostenibbli u tibdil lejn imġiba sostenibbli ta' konsum.
- tintensifika l-isforzi ambjentali għall-protezzjoni tal-bijodiversità, l-ilma u riżorsi naturali oħra. L-evidenza turi li l-qerda tal-bijodiversità qed tkompli b'rata allarmanti. Id-degradazzjoni tal-ekosistemi mhux biss tnaqqas il-kwalità ta' ħajjitna u tal-ħajja ta' ġenerazzjonijiet futuri, iżda wkoll hija ta' xkiel għall-iżvilupp ekonomiku, sostenibbli fuq medda twila ta' żmien;
- tippromwovi l-inklużjoni soċjali. L-iktar vulnerabbli fis-soċjeta qegħdin fir-riskju li jkunu l-aġar milquta mill-kriżi ekonomika u l-effetti tagħha jistgħu jdumu l-aktar għalihom sakemm ma jittieħdux miżuri effettivi.
- Issaħħaħ id-dimensjoni internazzjonali tal-iżvilupp sostenibbli u tintensifika l-isforzi fil-ġlieda kontra l-faqar globali.

⁸⁰ COM(2009) 147, 1.4.2009.

5. KONKLUŻJONIJIET

Din il-komunikazzjoni tqis il-progress li sar permezz tal-politiki tal-UE fl-oqsma koperti mill-SŻS tal-UE u ttiprovdi informazzjoni għar-riflessjoni u d-dibattitu dwar l-iżvilupp sostenibbli. Din l-analiżi tenfasizza l-fatt li, minkejja sforzi konsiderevoli biex tkun inkluża l-azzjoni għall-iżvilupp sostenibbli fl-oqsma ta' politika ewlenin tal-UE, xejriet insostenibbli qed jippersistu u l-UE għad għandha bżonn tintensifika l-isforzi tagħha. Hekk kif juri l-eżempju tal-bidla klimatika, li tittieħed l-azzjoni fi stadju bikri jwassal għal benefiċċji aktar kmieni b'kost iktar baxx milli kieku l-azzjoni tittieħed iktar tard.

Għandu jkun innutat li l-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew qed jipprepara opinjoni esploratorja fuq il-futur tal-SŻS tal-UE għall-ħarifa 2009, li tista' tikkontribwixxi iktar għad-dibattitu.

Dawn u elementi oħra, kif ukoll il-kontribuzzjoni attiva tal-partijiet interessati, ser jipprovdu informazzjoni għal deċiżjoni futura dwar jekk tkunx immedija reviżjoni komprensiva tal-SŻS tal-UE, kif oriġinarjament antiċipat fl-2006. Reviżjoni ta' dan it-tip tista' ttiprovdi l-bażi għal iktar simplifikazzjoni tal-SŻS tal-UE, tiddefinixxi ir-rwol tagħha fit-tfassil tal-politika tal-UE b'mod iktar ċar, u tiffokaha fuq oqsma fejn il-progress huwa l-iktar meħtieġ filwaqt li ttejjeb il-governanza tagħha.